**- KOLLIZZJONI -.**

***- MAIN ROAD U SIDE ROAD -***

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Hamis 11 t'Ottubru, 2001**

**Kawza Numru: 8**
**Citazzjoni Numru: 1888/96/RCP**

**Louis u Carmen konjugi Caruana**

**vs**

**Simon Spiteri**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi fid-9 ta' Jannar 1996 waqt li l-istanti Louis Caruana kien isuq van Toyota Nru B 4258 fiz-Zurrieq dan safa nvolut f'habta mal-car Isuzu Nru F 4773 u garrab hsarat.

Illi d-danni imgarrba mill-istanti ammontaw ghal tmien mija u wiehed u ghoxrin lira u tletin centezmu (Lm821.30c).

Illi ghall-incident kien jahti l-konvenut minhabba imprudenza, negligenza, imperizja u inosservanza tar-regolamenti izda dan injora s-sejha tal-istanti ghall-hlas tad-danni.

L-istess atturi talbu li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandiex:

1. Tiddikjarah responsabbli ghall-incident imsemmi u ghad-danni li b'rizultat tal-istess sofrew l-istanti.

2. Tillikwida d-danni fl-ammont ta' Lm821.30 jew somma verjuri li tillikwida l-Qorti occorrendo bl-opra ta' periti nominadi.

3. Tikkundannah ihallas lill-istanti l-ammont dikjarat dovut in linea ta' danni.

Bl-ispejjez komprizi Lm11.50 ta' konsulti, dawk tal-ittra ufficjali tat-8 ta' Frar 1996 u dawk tal-mandat ta' qbid kawtelatorju tal-lum u bl-imghax minn notifika ta' din ic-citazzjoni kontra l-konvenut li hu ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 tal-process;

Rat il-lista ta’ xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 3 sa 16 tal-process;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut tal-21 ta’ Jannar 1997 a fol 21 tal-process fejn gie eccepit:

1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw illi jigu respinti, bl-ispejjez kontra l-atturi, stante illi l-incident ‘de quo’ sehh unikament b’tort, traskuragni, imperizja u nuqqas ta’ osservanza proprja tar-regolamenti tat-traffiku min-naha tal-attur Louis Caruana, liema pretensjonijiet jinsabu gja’ dedotti f’citazzjoniipprezentata mill-esponent fir-Registru ta’ dina l-Onorabbli Qorti fis-27 ta’ Awissu 1996, fl-ismijiet “Simon Spiteri vs Louis Caruana” (Citazzjoni numru 2625/96NA), u liema kawza l-esponent jitlob illi tinstema’ flimkien mal-kawza odjerna in vista tal-konnessjoni evidenti tal-istess kawza.

2. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponent subordinatament jeccepixxi illi l-’*quantum’* tad-danni pretizi mill-atturi, b’konsegwenza tal-incident *‘de quo’,* huma ezagerati.

3. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut a fol 22 tal-process.

Rat il-verbali tat-18 ta' Marzu 1996; tal-24 ta' Novembru 1997 fejn xehed l-attur Louis Caruana; tal-25 ta' Marzu 1998 fejn xehed PS 739 Michael Borg; tas-6 ta' Novembru 1998 fejn xehed l-attur; tal-10 ta' Marzu 1999 fejn xehed Natalino Agius u xehed ukoll in kontro-ezami l-attur; id-difensuri qablu wkoll li l-konvenut u s-socjeta` assikuratrici tieghu qatt ma baghtu surveyor biex jispezzjona l-hsara fil-vettura tal-attur; tas-17 ta' Novembru 1999 fejn xehed Philip Bartolo u Dr Micallef Stafrace ghall-atturi ddikjara li m'ghandhomx provi aktar; tal-10 ta' April 2000 fejn xehed il-konvenut; tat-2 ta' Gunju 2000; tas-7 ta' Novembru 2000 fejn din il-kawza bdiet tigi mismuha minn din il-Qorti kif prezentament ippresjeduta u inghata digriet tal-affidavits tal-konvenut ta' 40 jum; tal-20 ta' Frar 2001 fejn il-konvenut ipprezenta sitt ritratti immarkati bhala Dok SS1 sa SS6 u d-difensuri ddikjaraw li m'ghandhomx provi aktar u talbu li l-kawza tibqa' ghat-trattazzjoni.

Rat in-nota ta' Simon Spiteri tal-14 ta' Dicembru 2000 fejn permezz taghha gew esebiti l-affidavits ta' Joanne Silvio u Marisa Silvio (fol 79 sa 81).

Rat ir-rikors tal-attur tal-4 ta' Mejju 2001.

Rat il-verbali tat-8 ta' Mejju 2001 fejn il-Qorti laqghet it-talba fir-rikors tal-4 ta' Mejju 2001 b'dan li l-kawza thalliet ghall-ahhar darba ghall-finali trattazzjoni; tas-6 ta' Gunju

2001 fejn id-difensuri trattaw il-kaz u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-11 ta' Ottubru 2001.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

### A. RESPONSABILITA' TAL-INCIDENT.

Illi l-atturi qed isostnu li l-incident li gara fid-9 ta' Jannar 1996, bejn l-attur Louis Caruana li kien qed isuq van Toyota Reg. No. B – 4258 u l-konvenut li kien qed isuq Isuzu Reg. No. F – 4773, jahti ghalih il-konvenut minhabba imprudenza, negligenza, imperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parte tieghu.

Illi min-naha l-ohra l-konvenut qed jghid il-kuntrarju u qed isostni li l-incident gara tort tal-istess attur.

### B. RIZULTANZI DWAR L-INCIDENT.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-konvenut kien ghaddej minn St. Bartolomew Street, mentri l-attur kien ghaddej minn Triq Santa Katerina fiz-Zurrieq, kif jinsab indikat ukoll fl-iskizz tal-pulizija li jinsab esebit a fol. 4 tal-process.

Illi fil-fatt l-istess skizz kien ikkonfermat mis-**Surgent PS739 Michael Borg** li investiga l-istess incident u wkoll esebixxa l-okkorenza dwar l-istess li tinsab esebita a fol. 36 tal-process fejn sostna li:-

*"Minn stharrig li sar fuq il-post irrizulta li l-karozza F – 4773 kienet qieghda tinstaq minn go Triq San Bartolomew, u l-van Nru. B – 4258 kien qieghed jinstab go Triq Santa Katerina mid-direzzjoni ta' Triq San Pawl fid-direzzjoni tal-Ghassa taz-Zurrieq u z-zewg vetturi habtu".*

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-attur kien ghaddej minn Triq Santa Katerina u l-konvenut kien ghaddej minn Triq San Bartolomew. Illi fl-ahhar triq imsemmija ma hemmx *stop sign*, inti u hiereg minn din l-istess triq ghal fuq Triq Santa Katerina, u hemm biss fil-fatt *stop sign* mit-triq ta' faccata, Triq il-Haddiem, li taghti wkoll ghal fuq Triq Santa Katerina.

Illi l-istess Triq Santa Katerina tibda minn fejn ikun hemm l-ewwel *roundabout* fiz-Zurrieq u tibqa' sejra ghal quddiem l-iskola u tasal sa quddiem l-Ghassa tal-Pulizija meta mbaghad it-triq tinbidel u tiehu isem Pjazza Repubblika ezattament fejn hemm iz-zuntier tal-Knisja Arcipretali.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-kollizzjoni grat hekk kif il-konvenut hareg mill-istess triq li kien ghaddej minnha St

Bartolomew Street, u dahal fi Triq Santa Katerina minn fejn kien gej l-attur.

Illi mir-ritratti esebit miz-zewg partijiet jirrizulta li l-karozza tal-attur soffriet hsarat fuq in-naha ta' wara tax-xellug tal-vettura tieghu, kif jirrizulta minn dokument "K" esebit a fol. 14 tal-process, ezatt fuq il-bieba tal-istess van, mentri l-karozza tal-konvenut soffriet hsarat fuq quddiem iktar serji fuq in-naha tax-xellug tal-istess karozza tieghu, kif jinsab indikat mid-dokumenti "SS1" sa "SS6" esebiti a fol. 78 tal-process u dan anke jinsab ikkonfermat mis-*survey* maghmul mill-istess konvenut tramite John Collins a fol. 69 tal-process, li jinsab esebit bhala Dok. "FFC".

## C. <u>APPREZZAMENT TAL-PROVI PRODOTTI.</u>

Illi l-ewwel punt li ghandu jigi deciz huwa jekk tali toroq li kienu qed jigu uzati mill-partijiet huma *roads of equal importance* jew inkella jekk wahda mit-toroq ghandhiex precedenza fuq l-ohra.

Illi fl-opinjoni ta' din il-Qorti jirrizulta li Triq Santa Katerina li tibda mill-ewwel *roundabout* li hemm inti u diehel fiz-Zurrieq, minn Triq San Pawl, u tibqa' tiela' l-fuq ghal fejn l-Ghassa, u wara anke ghall hdejn iz-zuntier tal-Knisja, hija *major road vis a vis* Triq San Bartolomew minn fejn kien hiereg il-konvenut; u dan meta wiehed jiehu kont tal-importanza tal-istess triq li mill-bidu taz-Zurrieq tiehdok dritt

ghall-Knisja taz-Zurrieq, u hija *parallel pressa a poco* mat-triq ta' quddiem il-Knisja taz-Zurrieq.

Illi infatti jirrizulta li minn Triq il-Haddiem, li tizbokka ukoll go Triq Santa Katerina, u li tinsab faccata tat-triq li minnha kien gej il-konvenut, hemm *stop sign* mal-art, u dan ghaliex l-istess triq bhal tiftah b'mod naturali fl-istess triq li minnha kien gej l-attur.

Illi veru li minn fejn kien gej il-konvenut ma hemm l-ebda sinjal biex wiehed jieqaf, pero' huwa veru wkoll li min ikun qed isuq fl-istess triq biex jidhol go Triq Santa Katerina ghandu indikazzjoni bizzejjed, anke kif inhuma l-istess akkwati biex jinduna li jkun ser jidhol fi triq ohra, tant li kif qal l-istess konvenut, il-bini li hemm fuq in-naha tal-lemin ta' min ikun hiereg mill-istess triq huwa spustat naqra l-barra ghat-Triq Santa Katerina, w allura wiehed irid jimxi b'mod kawt qabel ma jidhol fit-triq l-ohra.

Illi fl-opinjoni ta' din il-Qorti dan huwa pjottost car u ovvju ghal kull sewwieq li jkun hiereg minn Triq San Bartolomew, ghaliex sewwieq ragonevoli mill-ewwel jinduna li t-triq li jkun ghaddej minnha kienet ser tispicca u jkun ghalhekk diehel fi triq ohra, li jkun ghalhekk qed jikser il-*flow of traffic* li jkun ghaddej mill-istess triq.

Illi jinghad ukoll li min ikun ghaddej fi Triq Santa Katerina, ghandu minn mindu jidhol ghaliha, sakemm jasal almenu sal-Ghassa tal-Pulizija, triq wahda w unika quddiemu li l-

projezzjoni taghha hija wahda naturali u konsistenti li tindika b'mod kontinwu li l-utent tal-istess triq ghandu *via* wahda quddiemu, anke jekk it-toroq fl-istess inhawi, ghaliex antiki huma pjuttost dojoq, pero' xorta wahda hija facilment konstatabbli li l-istess triq hija triq principali, jekk mhux wahda mit-toroq principali taz-Zurrieq.

Illi fil-fatt jidher li l-kwistjoni odjerna ma hijiex kontestata fuq dan il-punt, li gie appena stabbilit, izda fuq il-punt jekk il-konvenut waqafx qabel ma hareg minn Triq San Bartolomew jew inkella baqax ghaddej dritt ghall-istess triq.

Illi **l-konvenut** min-naha tieghu sostna li huwa ried idur fuq il-lemin tieghu fi Triq Santa Katerina u minhabba l-bini li jisporgi wkoll l-barra skond huwa hu waqaf *dead stop,* pero' skond il-konvenut, l-attur baqa' gej b'velocita' qawwija u habat mieghu hekk kif kienu huwa wieqaf daqxejn skuntrat lejn Triq Santa Katerina, minn fejn kien gej l-attur.

Illi pero' fl-opinjoni ta' din il-Qorti tali versjoni ma hijiex kredibbli ghaliex hija kontrodetta mix-xhieda l-ohra prodotti quddiem din il-Qorti, inkluzi xhieda mressqa mill-konvenut stess.

Illi fil-fatt **Joanne Silvio** li kienet passigiera mal-konvenut fl-incident *de quo* sostniet fl-affidavit taghha a fol. 80 tal-process li:-

*“Simon Spiteri kellu johrog ftit ‘l barra sabiex jara jekk kienux gejjien karozzi ohra. Ahna konna ser nohorgu miz-Zurrieq u cjoe’ minn Triq Santa Katerina. Immedjetament meta Simon Spiteri waqaf, Louis Caruana habat gol-vettura li konna fiha”.*

Illi huwa ovvju li din ix-xhieda ma taqbel xejn ma dak li sostna l-konvenut li huwa waqaf mill-ewwel *dead stop* u f’dak il-mument l-attur kien bejn wiehed u iehor hamsin metru (50m) il-boghod, ghaliex din il-versjoni tal-istess xhud issostni anzi li kif l-istess konvenut sporga minn Triq San Bartolomew sar l-impatt immedjetament. Illi dan juri li, fl-opinjoni ta’ din il-Qorti, t-tezi tal-istess konvenut li huwa waqaf fl-inkroccju tal-istess triq mat-triq li kien ghaddej minnha l-attur, ma hija bl-ebda mod ikkoroborata, anzi jirrizulta li hija addirittura kontradetta fl-iktar punt krucjali li fuqu l-konvenut qed jibbaza id-difiza tieghu.

Illi minn dan jirrizulta li t-tezi tal-konvenut, li huwa waqaf sabiex jesplora Triq Santa Katerina, u l-incident gara meta huwa kien hekk wieqaf, ma hijiex kredibbli, mhux biss ghaliex jirrizulta mix-xhieda ta’ Joanne Silvio, li fil-fatt l-impatt sar hekk kif l-istess konvenut sporga fit-triq l-ohra, u mhux kif qal huwa wara li waqaf biex jesplora l-istess triq, izda wkoll ghaliex it-tezi tieghu hija kontradetta wkoll minn **P.S. 739 Michael Borg** li investiga l-istess incident u sostna li:

*“Il-konvenut, cjoe’ s-sewwieq tal-car numru tar-registrazzjoni F – 4773, meta staqsejtu jekk kienx waqaf qabel ma hareg fit-Triq Santa Katerina, Zurrieq qalli li ma kienx waqaf”.*

Illi fl-opinjoni ta’ din il-Qorti, din ix-xhieda, ta’ persuna f’awtorita’, li hija ghal kollox distakkata mill-partijiet fil-kawza, u hija ghalhekk fuq kollox indipendenti mill-istess, tikkontradixxi ghal kollox it-tezi tal-konvenut, u tikkonferma li l-istess karozza tal-konvenut ma kienitx wieqfa qabel l-incident, izda waqfet biss bl-impatt tal-kollizzjoni mal-attur, u fl-ebda mument ma’ l-konvenut waqaf qabel dahal fi Triq Santa Katerina. Din il-Qorti thoss li ghandha toqghod fuq din ix-xhieda tal-istess Surgent ghaliex apparti r-ragunijiet fuq indikati, hija skjetta, cara, inekwivoka, u nnghatat mill-konvenut *a tempo vergine*, ezatt wara l-incident, proprju lill-ufficjali li kien qed jaghmel l-ewwel investigazzjonijiet dwar l-istess.

Illi *di piu`* jidher li d-daqqiet sofferti fil-karozzi rispettivi u fuq indikati, kif fil-fatt jinsabu indikati wkoll fir-ritratti esebiti, juru bic-car li l-impatt sar bejn il-quddiem tal-karozza tal-konvenut, iktar fuq in-naha tax-xellug taghha, ghaliex kif qal l-istess konvenut huwa kien naqra skuntrat fuq il-lemin ghad-direzzjoni minn fejn kien gej l-attur fi Triq Santa Katerina, u fuq in-naha tax-xellug tal-karozza attrici, mill-*passenger seat* lura, li juri fil-fatt l-istess naha tal-*passenger seat* mitfugha l-gewwa, b’dan li jindika li l-incident sar ghaliex il-karozza miexja tal-konvenut dahlet

fil-karozza tal-attur b'certu impatt, li certament huwa indizju car ta' moviment min-naha tal-karozza tal-konvenut.

Illi ghalhekk fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet jirrizulta li l-incident *de quo* gara minhabba li l-konvenut baqa' diehel minghajr ma ha' l-prekawzjonijiet necessarji minn Triq San Bartolomew ghal fuq Triq Santa Katerina, u dan bla ma waqaf sabiex jesplora t-triq, bil-konsegwenza li hareg fuq Triq Santa Katerina, u kiser il-*flow of traffic* fl-istess triq, u b'hekk kien il-kawza prossima tal-istess incident, anke ghaliex hareg wisq fl-istess triq, u holoq ostakolu serju lill-utenti tal-istess triq principali.

Illi fl-opinjoni ta' din il-Qorti, min-naha l-ohra ma hemm xejn x'tiskontra fis-sewqan tal-attur, li kien ghaddej fi triqtu fi Triq Santa Katerina, u wiehed ghalkemm ghandu jzomm ruhu kawt, u ma jabbuza qatt mid-dritt tieghu, xorta wahda ma ghandux jistenna li s-sewwieq minn triq minuri ghandu jibqa' diehel fi triq principali bla ebda prewkawzjoni, u f'dan il-kaz, l-allegazzjoni tal-konvenut, li l-attur kien ghaddej bi *speed* eccessiv bl-ebda mod ma giet ipprovata mill-istess konvenut.

Illi ghalhekk l-istess konvenut Simon Spiteri ghandu jinzamm responsabbli ghall-istess incident, li huwa fil-fatt il-medisimu kkunsidrat fil-kawza fl-ismijiet **"Simon Spiteri vs Louis Caruana et"** (Citaz. Numru. 2625/96/RCP) ukoll differita ghall-lum ghas-sentenza.

**D. <u>LIKWIDAZZJONI TA' DANNI.</u>**

Illi l-allegati danni sofferti mill-attur jikkonsistu fis-segwenti:-

| | | |
|---|---|---|
| Dok. "B". | - *Loss of Use x 7* t'ijiem - | Lm040.25,0. |
| Dok. "C"…………………………………………………………… | | |
| Dok. "D". | - *Labour/Spray/Door -* | Lm586.50.0. |
| Dok. "E". | - *Spare Parts -* | Lm126.52,0. |
| Dok. "F". | - *Spare Parts -* | Lm035.56.0. |
| Dok. "G". | - *Spare Parts. -* | Lm014.02.0. |
| Dok. "H". | - *Survey -* | Lm015.00,0. |
| Dok. "I". | - R.A.R. - | Lm003.45,0. |
| Total……………………………………………… | | Lm821.30,0. |

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li dawn it-tiswijiet saru skond *survey* ta' Natalino Agius tat-8 ta' Mejju 1996, li huwa stess ikkonferma fix-xhieda minnu moghtija quddiem din il-Qorti, u peress li l-istess dokumenti gew ukoll ikkonfermati mix-xhieda prodotta mill-attur, u jidhru li huma ragonevoli, din il-Qorti tillikwida l-ammont ta' danni sofferti mill-attur kawza tal-incident *de quo* fl-ammont ta' tmien mija, u wiehed u ghoxrin lira Maltija u tlettin centezmu (Lm821.30).

**<u>III. KONKLUZZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan illi:-

(1) Tiddikjarah responsabbli ghall-incident imsemmi u ghad-danni li b'rizultat tal-istess sofrew l-istanti.

(2) Tillikwida d-danni fl-ammont ta' tmien mija u tletin centezmu (Lm821.30) li qed tigi llikwidata minn din il-Qorti bhala danni sofferti mill-atturi fl-incident *de quo*.

(3) Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi l-ammont ta' tmien mija u tletin centezmu (Lm821.30) li qed jigi dikjarat dovut in linea ta' danni mill-istess konvenut lill-atturi.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-8 ta' Frar 1996 u dawk tal-mandat ta' qbid kawtelatorju u bl-imghax legali minn notifika tac-citazzjoni fis-16 ta' Jannar 1997 sal-effettiv pagament kontra l-konvenut.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**11 ta' Ottubru, 2001**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**11 ta' Ottubru, 2001.**